MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 1204/2009

**Anglu Xerri Limited (C17558)**

**vs**

**Soverign Hotels Limited (C10538)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta’ attrici fid-9 ta’ Dicembru, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi s-socjeta attrici forniet lis-socjeta konvenuta diversi prodotti bhal bajd, preserves, haxix u oggetti ohra f’diversi okkazjonijiet u dejjem fuq l-ordni tal-istess socjeta konvenuta.

2. Illi l-kont ghal dan ix-xoghol sad-9 ta’ Novembru 2009 telgha ghal ghoxrin elf sitt mija u dsatax il-ewro u

disgha u erbghin centezmu (Ewro 20619.49c) u dan kif jirrizulta mill-anness prospett anness u markat Dok A.

3. Illi s-socjeta intimata giet interpellata diversi drabi mis-socjeta attrici sabiex tersaq ghal dan il-hlas izda baqghet inadempjenti.

4. Illi l-ammont ghadu dovut u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tikkundanna lill-istess socjeta konvenuta li thallas s-somma ta' ghoxrin elf sitt mija u dsatax il-ewro u disgha u erbghin centezmu (Ewro 20619.49c) lis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' dan ir-rikors inkluz tal-mandat ta' sekwestru numru 2124/09 kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hija ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Sovereign Hotels Limited, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ma jimmeritawx illi jigu milqugha in toto, stante illi l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ma huwiex interament dovut mis-socjeta' konvenuta, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza. Is-socjeta' attrici ma kenitx tforni biss ghall-beneficcju ghal-lukanda gestita mis-socjeta' konvenuta, izda wkoll ghal lukanda ohra, ta' proprjeta' ta' socjeta' distinta, liema fatt kien ben risaput mis-socjeta' attrici;
2. Illi, apparti hekk, irrizulta lis-socjeta' esponenti illi l-ammont attwalment dovut minnha huwa eccessiv billi irrizulta element ta' *over-charging* fil-prezzijiet li kienet thallas ghall-prodotti fornuti mis-socjeta' attrici;
3. Salv eccezzjonijiet ohra dwar il-meritu;

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta;

Rat in-nota konguntiva tal-kontendenti ipprezentata fil-11 ta' Marzu, 2010 li biha filwaqt illi s-socjeta' konvenuta ammettiet it-talba attrici kif dedotti fir-rikors guramentat il-kontendenti qablu illi l-hlas tas-sorte mitlub mis-socjeta' attrici ghandu jsir bil-mod segwenti :

a. is-somma ta' €10,000 thallas dakinhar li giet ipprezenta l-istess nota, jigifieri fil-11 ta' Marzu, 2010 permezz ta' cekk mahrug minn Sunspot Tours (Malta) Ltd mill-kont tal-istess kumpanija mal-Lombard Bank Malta plc, liema cekk kien igib in-numru 11113;
b. is-somma ta' €5,000 kellha tithallas sal-31 ta' Marzu, 2010;
c. il-bilanc rimanenti ta' €5619.49 kellu jithallas sat-30 ta' April, 2010.

L-ispejjez kollha tal-kawza kellhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta;

Billi fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta ippruvata.

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif dedotta fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghoxrin elf sitt mija u dsatax il-ewro u disgha u erbghin centezmu (Ewro 20619.49c);

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kif mitluba kontra is-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------